**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 417 / 2012 u 426/2012**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Lorudes Castillo**

Illum, 3 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-parte civile John Attard prezentat fir-rgistru ta din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta Awwissu 2020( fol. 393) fejn irrileva s-segwenti:-

*"Illi wara li b'sentenza tal-Qorti ta l-Appell Kriminali datata 10 ta Jannar 2014 Lourdes Castillo giet kkundannata ghal sentejn prigunerija bl-applikazzjoni tal-artikolu 28° tal-kodici Kriminali tali perijodu gie sospiz ghal zmien sentejn mid-dta tas-sentenza. Apparti minn hekk, bl-appikazzjoni tal-artikolu 28H talkap 9 tal-ligijeit ta' Malta , Loudes Castillo giet kkundannata thallas is-somma ta €81,528 lill-esponenti John Attard fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza.*

*Illi wara li Lourdes Castillo ma halsitx dan l-ammont indikat lill-esponenti John Attard, l-esponenti fil-15 ta' Lulju 2014 pprezenta rikors guramentat ai termini tal-artikolu 28H tal-kodici Kriminali entro it-terminu preskritt mill-ligi;*

*Illi sussegwentement, pendenti s-smeigh tar-rikros guramentat,id-difiza infurmat lill-Qorti tal Appell li Lourdes Castiollo kient prezentat kawza kostituzzjonali in konnessjoni mal-proceduri mertu tar-rikros u kwindi r-rikors guramentat kien qed jigi differit ghaleix il-Qorti*

*kienet qed tistenna l-esitu tal kawza kostituzzjonali, sakemm eventwlament, fis-seduta tas-16 ta Lulju 2019 din l-Onorabbli Qorti preseduta iddiferiet r-rikros sine die sakemm tigi deciza l-kawza kostituzzjonali.*

*Illi l-kawza kostituzzjonali li giet intavolata in konnessjoni ma dawn il-proceduri, Lourdes Castillo vs Avuakt Generali rikors nru 81/2017 geit deciza nhar il-25 ta Gunju 2020 u minn tali sentenza ma gie itnavolat l-ebda appell, b'anghalhekk li l-proceduri illum huma resjudicata ( vide dokument informali anness u markat dok A)".*

Ghaldaqstant talbet lil din l-Onorabbli Qorti jghogobha tikkjama r-rikors tal-esponenti tal-15 ta' Luljju, 2014 intavolat fil-proceduri supra citati u tappuntah ghas-smiegh u dan salv kul provediment ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jghogobha timponi fil-gudizzju ghaqli u superjuri.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Awwissu, 2020 fejn appuntat ghas-smeigh dan ir-rikors ghas seduta tas-7 ta' Settembru, 2020.

Illi f'din is-seduta Dr Joe Brincat pprezenta nota u ghadda kopja ta' l-istess lill-kontro parti u lill-Avukat Generali u l-Qorti akkordat zmien lill-partijiet iwiegbu ghall-istess nota u r-rikors gie differit ghall-20 ta' Ottubru, 2020.

Illi fin-nota tieghu Dr Joe Brincat ghall-hati iddikjara s-segwenti:-

"Illi t-talba maghmula minn Juhn Attard ghal konversjoni tal-ammont imsemmi fl-artikolu 28H tal-kpaitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta f'dan il-kaz mhux applikabbli peress li ma gietx osservata l-ligi.

Illi l-artikolu 28H li qed jigi invokat fis-sub artikolu (8) tieghu jiddisponi dan li gej:

(8) *"Meta tigi inkluza direttiva bis-sahha ta dna l-artikolu, il-Qorti ghandha tispjega illi l-hati bi kliem car r-responsbailtia tieghu taht dan l-artikolu jekk hu jonqos li jikkonfoirma ruhu ma dik id-direttiva."*

*Illi waqt li l-Qorti al-Magistrati ghamlet it-twissija skond l-artikolu 28A li kemm il-darba jigi kommess reat volontarju fiz-zmein oggettiv tas-sentenza bl-ebda mod ma hemm access fis-sentenza li gie osservat is-sub artikolu (8) tal-Artikolu 28H.*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma bidlitx u zidet tali twissija.*

*Illi hwua principju applikabbli dejjem ' quod non est in actis..'*

*Illi l-Qorti tal-Magistrati kellha obbligu li taghmel dik it-twissija, u illum dik is-sitwazzjoni ma gietx sanata u lanqas tista tigi sanata.*

*Id-difett f'sentenza li ghaddiet in gudikat mhux bl-ebda mod riemdjabbli u konsegwentement l-applikazzjoni tal Artikolu 28H ma saritx skond il-ligi."*

Rat in-not ta l-Avukat Generali ghar rigward tan-nota prezentata minn Lourdes Castillo nhar is-7 ta Settembru, 2020 seduta stante fejn irrileva s-segwenti:-

1. Illi l-ligi ma tghid xejn li ghandu ikun hemm miktub fis-sentenza spjegazzjoni lill-hati bi kliem car ir- responsabilita tieghu taht l-artikolu 28H u x'jirgi f'kaz li jonqos li joservaha u ghahekk isostni li tali spejgazzjoni setghet inghata mil-fomm meta inqrat is-sentenza. ( vuide sentenza il-Pulizija vs Francis Vella datata 7 ta Mrzu 2011)
2. Illi li kieku l-legislatur xtaq li tali spejgazzjoni tkun bil-mitkub fis-sentenza il-legislatur kien jinkludi kliem addat sabiex dan isehh bhal ma sar f'kazijiet ohra fil-ligijiet ta' Malta inkluz il-kodici kriminali.
3. Illi fis-sentenza citata ta' Vella, inghad li l-Artikolu 28A fl-ebda moment ma jghid li jekk ma ssirx din l-ispejgazzjoni jew jekk din ma tinkitibx allura hemm xi nullita. L-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijeit **<u>il-Pulizja vs Russell Bugeja</u>** datat 29 ta' Frar, 2006 fejn gie ritenut li:-

   *'L-eccezzjoni tan-nullita t att fil-kamp tal-procedura penali hija bhala regola generali ammissibli biss fejnil-legislatur jikkominha. Mill-bqija ghandha tipprevali l-massima 'interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pareat.'*

   Ghalhekk ma hemm l-ebda nullita jekk it-twissija that l-Artikolu 18H ma tkunx bil-miktub fis-sentenza.

4. Illi in oltre Lourdes Castillo ilha tipprova tahrab mill-obbligazzjonijeit taghha skond is-entenzamoghtija mill-Onorabbli Qorti tal Magistrati datat 19 ta Settemrbu 2012 u mis-sentenza mgotija mill-Qorit tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta Jannar 2014 u u b dan ili anke fethet kawza Kostituzzjonali li geit deciza fil-25 ta Frar 2020

5. M' ghamlet ebda referenza ghal dan il-punt tal-inapplikabilita tal artikolu 28H illi qajmet fin-nota taghha nhar is-7 ta Gunju 2020 meta pprezentat ir-rikors tal Appell u f'liema kawza Lourdes Castillo ppruvat tqajjem argument kotnra l-applikabilita tal-artikolu 28H tal-kap 9 u liema kawza giet limitatament milqugha biss stante illi kienhemm tnaqqis fl-ammont li ghandu jtihallas minn Lourdes Castillo lil JohnAttard
6. Illi ghalhekk dna il-punt saljenti tal-inapplikabilita tal-artikolu 28H ma jistax jitqajjem issa stante li hemmm sentenza finali u ghaddiet in gudikat u illi dawk l-eccezzjonijiet illi ma tqajmux fl-appell ma jistghux jitqajmu issa u dan skond is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appel Kriminali datata 25 ta' Gunju, 2020 fl-ismijiet **<u>il Pulizija vs Saviour Dalli.</u>**[1]
7. Oltre dan l-artikolu 28I tal-kap 9 hu car li ebda appell ma jista jigi interpost minn direttiva illi tkun inghatat taht l-Artikolu 28H tal-kap 9.

Ghalhekk oggezzjona ghat-talba kif dedotta fin-nota prezentata minn Lourdes Castillo nhar is-7 ta' Settembru, 2020 seduta stante.

Rat in-nota tal-parte civile John Attard prezentata fl-atti nhar is-17 ta' Settembru, 2020 li in sintezi qalet is-segwenti:-

1. Li fl-ebda stadju tal-appell Lourdes Castillo ma qajmet l-ebda agggravju kwalsiasi li b'xi mod jista jinftiehem bhala li kienet qed tilmenta li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ma tatx l-ispjegazzjoni indikata fl-artikolu 28H (8) tal-kap 9 u kien f dan l-istadju fejn Lourdes Castillo setghet qajmet dan l-aggravju li l-Qorti ma tatx l-ispejgazzjoni rikjesta ai termini tal-Artikolu 28H ( 8) tal-kap 9.
2. Illi peress li l-hatja naqset li taghmel il-pagament dovut lill-parte civile skond is-sentenza fl-ammont ta' €91,528 hija ghaddiet biex tintavola ir-rikors opportun entro it- terminu preskritt mill-ligi.
3. Dak li ghandha taghmel din il-qorti huwa li tiddecidi fir rikros prezentat mill-parte civile fejn gie mitlub tara jekk Lourdes Castillo kkonfematx ruhha mas-sentenza tal-qorti tal-Appelli Kriminali tal-10 ta' Jannar, 2014 u jekk tkun

[1] Appell numru 55/2016

sodisfatt li fil-fatt Lourdes Castillo ma halsitx lil John Attard dak kkundannat li thallas ghandha tghaddi biex tordna sabiex is-sentenza tal-10 ta' Jannar, 2014 tigi esegwita u z-zmien sospiza jigi konvertit fi prigunerija effettiva.

4. Illi l-aggravju taghha Lourdes Castillo setghet ghamlitu kieku appellat mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) pero ghazlet li ma tintavolax appell minn dik is-sentenza u ghalhekk tilfet kul opportunita li tikkumenta dwar il-kontenut tas-sentenza tal-Magistrati u in segwitu tal- appell.
5. Ma jirrizulta minn imkien u dan bla pregudizzju ghal dak sollevat supra li jekk ma tinghatax it-twissija allura is-sentenza mhiex esgwibbli jew hija nulla. Fil-fatt ghamel accenn ghal dak deciz fis-sentenza **<u>il-pulizija vs Russell Bugeja</u>**[2]fejn gie ritenut li 'Mkien ma jghid li jekk ma jsirx din l-ispejgazzjoni hew jekk din ma tinkitibx allura hemm xi nullita. F'din is-sentenza gie enfasizzat li n- nullita hija applikabbli biss fejn hija espressament indikata fil-ligi.
6. In oltre jirrileva li l-hatja Lourdes Castillo fir-rikors taghha li pprezentat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali stqarret li jekk ma tonorax id-direttiva tal-hlas hija sejra tispicca il-habs u ghalhekk hija hi stess li qed tirrikonoxxi li s-sentenza sospiza ghandha tidhol fis-sehh u tigi reza operattiva

Konsegwentement ir-rikorrenti qed jopponi ghall-oggezzjonijiet sollevata mill-hatja Lourdes Castillo.

Rat ir-replika ta' Lourdes Castillo ghan nota tal-parte civile prezentata fl-atti nhar it-28 ta' Settembru, 2020 u stqarr li l-hatja Lourdes Castillo ma intavolatx appell mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati izda kien l-Avukat Generali li interpona appell u ma talab l-ebda emenda, Castillo ma kelhiex interess issawwat lilha innifisha. Insista li ma jista jingibed l-ebda argument mil-kawza Kostituzzjonali stante li din hija separata u distinta mill-procedura kriminali. Castillo temmen li ir referenza ghas-senteenza **<u>il-Pulizija vs Francis vella</u>** citata aktar 'l fuq ma tapplikax ghal kaz in desamina u dan ghaliex f dik is-sentenza tqajmet in-nullita tas-sentenza waqt li f'dan il-kaz hemm l- inapplikabilita tal- provvedimenti ta' piena sussidjarja ghax ma gietx segwita l-procedura imposta mill-ligi. Din il-materja ta' nullita hija xi haga totalment differenti mill-kwistjoni ta' applikabilita u esegwibilta ta' piena

[2] Deciz mill-Qoeti tal-appelli Kriminali nhar id-29 ta Frar 2008

sussidjarja. Fis-sentenza ta' Vella kien hemm proprju aggravju li s-sentenza moghtija hija kienet nulla ghax ma kienx fiha twissija tal artikolu 28A. Castillo tinsisti li hadd ma jista jzid it- twissija mehtiega *ex lege.*

Rat ir-replika ta' Lourdes Castillo ghan-nota tal-Avukat Generali prezentata fl-atti nhar l-24 ta' Settembru, 2020 fejn rega tenna is-segwenti:-

1. Qatt ma jista jigi eliminat l-principju *quod non est in actis non est in mundo.* Dak li ma jkunx imnizzel bil-kitba daqs li kieku ma jesistix.
2. Il-procedura hija ta' ordni pubblika apparti l-kwistjoni ta' nullita o meno u la hemm dik id-disposizjoni tal-ligi dik qeda hemm ghal raguni u trid tigi osservata
3. Mhemmx dubbju li l-Artikolu 28H jipprovdi li jrid ikun hemm dik it-twissija u din trid tirrizulta minn xi kitba fl-atti.
4. Hija stramba li waqt li saret l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-kap 9 u fir-rigward tal-applikazzjoni tal- Artikolu 28 H ma issemma xejn dwar it-twissija.
5. *A Contrario senso* ghal dak li jghid l-Avukat Generali hadd m' ghandu jigi mistenni li jappella minn decisjonijiet mankanti li jistghu jkunu favur taghha. Kien id-dover tal-Avukat Generali li jappella fil-fatt l-Avukat Generali intavola appell fuq punti ohra izda mhux fuq in-nuqqas ta' twissija taht l-artikolu 28H tal- kap 9.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors limitatament fir-rigward l-fatt jekk is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-10 ta' Jannar 2020 tista tigi reza operattiva u b'hekk is-sentenza ta' prigunerija li inghatat fil-konfront ta' Lourdes Castillo tigi effettiva.

Il-Qorti ezaminat ir-rikros promotur ta' John Attard prezentat nhar il-5 ta' Awwissu 2020 fejn stqarr li Lourdes Castillo kienet instabet hatja b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali tar- reati addebitati fil-konfront taghha u inghatat bhala piena sentejn prigunerija sospizi ghal zmien sentejn. Pero apparti dan inghatat ordni mill-istess Qorti tal-Appelli Kriminali li ghandha thallas lill-allegata vitma John Attard is-somma ta' €81,528 fi zmien sitt xhur mid-data ta' dik is-sentenza. Illi ghalhekk dan il-perijodu ta' sitt xhur kien jiskadi fl-10 ta' Lulju, 2020. Illi ghalhekk ai termini tal-Artikolu 28 H (6) ir-rikorrenti John Attard kellu zmien tlett xhur mill-10

ta' Lulju 2020 sabiex jintavola rikors ai termini tal-Artikolu 28H biex jinforma lil Qorti li l-hatja naqset li tikkonforma ruhha mal-Ordni tal-Qorti.

Jigi enfasizzat li dan hu dak li jirrikjedi l-ligi u xejn iktar f'dan l-istadju u cioe' li l-parte civile jinforma lil Qorti fit-teminu prefiss mill-ligi li l-hati ma jkunx osserva l-Ordni li nghata biex ihallas dak dovut lill-parte civile skond l-ordni. Mhux kompitu ta' din il-Qorti f' dan l-istadju sabiex tindaga u tara l-effett tas-sentenza li inghatat minn din il-Qorti diversament preseduta jew jekk tali sentenza hiex nulla jew addirittura mhux esegwibbli. Din il-Qorti trid tara sempliciment jekk l-procedura sabiex l-parte civile jithallas gietx segwita jew le. Il-kwistjoni jekk l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha kitbitx jew le it-twissija rikjesta fil-ligi fl-Artikou 28 H (7) u coie " *Meta tiġi nkluża direttiva bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-qorti għandha tispjega lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan l-artikolu jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu ma' dik iddirettiva*" mhiex materja li ghandha tigi trattata f'dan l-istadju tar-rikros prezentat mill-vittma.

Din il-Qorti trid tqis **biss** jekk l-hati osservax l-ordni mghotija lilu b'sentenza tal-Qorti fit-terminu lilu moghti.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tichad l-eccezzjoni sollevata mill-hatja u cioe li din il-Qorti ma tistax tordna li l-Ordni moghtija minn din il-Qorti nahr l-10 ta Jannar 2014 fl-ismijiet premesi minhabba li it-tiwissija ai termini tal-artikolu 28H (7) tal-Kap 9 ma tinsabx imsemmija f'din l-istess sentenza.

Il-Qorti ghahek tordna l-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tar-rikors fuq il-mertu.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur